

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Iżvilupp

2006/2236(INI)

7.11.2006

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp

għall-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

dwar l-għajjnuna ta' l-UE għall-Kummerċ
(2006/2236(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Margrietus van den Berg

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora fil-mozzjoni għal risoluzzjoni tiegħu s-suġġerimenti li ġejjin:

1. Jenfasizza l-irwol essenzjali li l-miżuri għall-Għajnuna għall-Kummerċ jistgħu jkollhom fil-kisba ta' l-Objettivi tal-Millennju għall-Iżvilupp sa l-2015, billi jippromwovu l-parteċipazzjoni attiva tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw fis-sistema multilaterali tal-kummerċ; juri li, madankollu, l-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp se tiżidied bejn issa u l-2015 sabiex ikun possibli li titwettaq din l-ambizzjoni komuni;
2. Ifakkar li l-Għajnuna għall-Kummerċ għandha ttejjeb l-aċċess għas-suq għall-produtturi żgħar u svantaġġati fil-pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw; f'dan ir-rigward jitlob li 10% tal-baġit għall-Għajnuna għall-Kummerċ ikun imwarrab għall-Għajnuna għall-Kummerċ Ġust, skond il-paragrafu 19 tar-risoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Lulju 2006 dwar il-Kummerċ Ġust u l-Iżvilupp¹;
3. Jikkunsidra li l-pakkett ta' l-Għajnuna għall-Kummerċ għandu jinkludi firxa wiesgħa ta' miżuri li jkabbru l-kapaċità u ta' assistenza teknika biex titjeb l-abilita ta' l-Istati ACP sabiex jidentifikaw ħtieġijiet u strateġiji u jiżviluppaw il-kompetenza u l-effiċjenza tagħhom fin-negozjati kummerċali, il-kapaċità tagħhom li jfasslu politika reġjonali tal-kummerċ, partikularment f'dak li jirrigwarda l-kummerċ interreġjonali fin-Nofsinhar, u l-kapaċità tagħhom li jwaqqfu swieq lokali;
4. Jirrikonoxxi iż-żieda fit-tħassib ta' l-Istati ACP dwar il-metodi ta' twettiq, l-effettività u l-kwalità ta' Għajuna għall-Kummerċ amministrata mill-KE bħala appoġġ għall-programmi ta' aġġustament;
5. Jirrikonoxxi li l-Għajuna għall-Kummerċ hija essenzjali sabiex il-benefiċċji potenzjali tal-liberalizzazzjoni tal-kummerċ multilaterali għall-pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw ikunu massimizzati; jissottolinea l-importanza li jkunu żgurati strumenti ta' Għajnuna għall-Kummerċ estenzi sabiex titejjeb il-produzzjoni u l-kapaċità tal-kummerċ fil-pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw u partikularment fl-Istati ta' l-ACP li qed jiffaċċjaw tnaqqis fil-valur tal-preferenzi tradizzjonali;
6. Jitlob li l-miżuri ta' Għajnuna għall-Kummerċ isegwu approċċ bbażat aktar fuq ir-riċevitur, li jqis il-ħtieġijiet tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw u li jtejjeb il-pussess ta' l-għajnuna; jenfasizza li l-Għajnuna għall-Kummerċ għandha tkun magħquda, komprensiva, biżżejjed u tiżidied skond programmi eżistenti, li jistgħu jkunu mbassra u disponibbli fuq tul ta' żmien twil; jissuġġerixxi li r-regoli kummerċali eżistenti għandhom ikunu wkoll simplifikati u għandhom isiru aktar faċli għall-utent;
7. Jenfasizza li, peress li l-pakkett ta' l-Għajnuna għall-Kummerċ għandu jkun miżjud ma' l-għajuna eżistenti għall-iżvilupp, wegħdiet ġodda ta' Għajnuna għall-Kummerċ m'għandhomx iwasslu għal ċaqliq ta' riżorsi li diġà mwarrba għal inizjattivi oħra ta'

¹ *Test Adottat* minn dik il-ġurnata (P6_TA(2006)0320).

żvilupp bħal proġetti tas-saħħa u l-edukazzjoni, li huma estremament importanti sabiex tinbena ekonomija b'saħħitha;

8. Jitlob li jkun hemm aktar koordinazzjoni u koerenza bejn donaturi varji ta' għajuna, ibbażata fuq il-kompetenza ppruvata ta' l-aġenziji involuti fit-twassil ta' assistenza effettiva u ta' kwalità għolja f'żoni varji ta' Għajuna għall-Kummerċ, kif ukoll għal aktar trasparenza rigward l-għajnuna allokata permezz ta' assistenza relatata mal-kummerċ; jinsisti għalhekk fuq l-inklużjoni ta' rappreżentanza sħiħa tas-soċjeta ċivili u tas-settur privat fil-Qafas Integrat;
9. Iħeġġeġ lill-UE sabiex tissodisfa l-impenji kollha li għamlet fid-Doha Round lill-pajjiżi l-anqas żviluppati permezz ta' 'frontloading' tal-pakkett ta' żvilupp, kif ukoll permezz ta' l-eliminazzjoni tas-sussidji tagħha għall-esportazzjoni ta' l-agrikultura sa l-2013; jenfasizza li l-UE għandha tħeġġeġ l-istati membri l-oħra tad-WTO sabiex jagħmlu l-istess dwar l-impenji tagħhom lejn il-pajjiżi l-anqas żviluppati;
10. Jinnota li n-nisa jibbenefikaw inqas mill-opportunitajiet preżentati bil-liberalizzazzjoni tal-kummerċ u l-globalizzazzjoni, filwaqt li fl-istess ħin huma dawk li jintlaqtu l-aġar mill-effetti l-ħżiena ta' dawn il-fenomeni, u għalhekk iħeġġeġ lill-UE, sabiex fil-programmi tagħha ta' assistenza relatati mal-kummerċ, tiddedika attenzjoni speċifika għal opportunitajiet li dejjem qed jiżdiedu sabiex in-nisa jipparteċipaw fil-kummerċ, b'enfasi partikulari fuq il-kummerċ internazzjonali;
11. Jgħid li l-ħtiġijiet addizzjonali ta' l-Istati ACP li se jirriżultaw mill-Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika (EPAs) għandhom jiġu finanzjati permezz ta' riżorsi addizzjonali; barra minn hekk, jiddubita dwar l-effettività tal-mekkaniżmi eżistenti biex jinħarġu l-flus għall-Għajnuna għall-Kummerċ fi ħdan dawn l-EPAs.
12. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex ma tużax l-Għajnuna għall-Kummerċ biex tisforza lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw li jaċċettaw riżultat tan-negozjati kummerċjali li huwa incompatibbli mal-bżonnijiet ta' l-iżvilupp u l-prijoritajiet tagħhom;
13. Jitlob li jkun hemm reviżjoni tal-programmi eżistenti ta' Għajnuna għall-Kummerċ ta' l-Istati Membri ta' l-KE sa fejn dawn jikkonċernaw l-aġġustamenti relatati ma' l-EPA sabiex ikunu identifikati l-mekkaniżmi l-aktar effiċjenti għat-twettiq ta' appoġġ effettiv fl-ipproċessar ta' aġġustamenti relatati ma' l-EPA;
14. Jenfasizza l-urġenza li tinlaħaq l-isfida ta' twassil effiċċjenti ta' Għajuna għall-Kummerċ effettiva lill-pajjiżi ta' l-ACP diġà involuti fl-implimentazzjoni ta' ftehim dwar żona ta' kummerċ ħieles ma' l-UE (dawn huma l-Botswana, il-Lesoto, in-Namibja u l-Iswazilandja, li waslu nofs triq fit-tneħħija ta' tariffi fuq il-kummerċ ma' l-UE).

PROĊEDURA

Titlu	L-ghajjnuna ta' l-UE għall-Kummerċ	
Numru tal-Proċedura	2006/2236(INI)]	
Kumitat responsabbli	INTA	
Opinjoni ta' Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	DEVE 28.09.2006	
Koperazzjoni eqreb - data mħabbra fil-plenarja		
Rapporteur għall-opinjoni Data tal-ħatra	Margrietus van den Berg 28.08.2006	
Rapporteur għal opinjoni preċedenti:		
Diskussa fil-kumitat	2.10.2006	6.11.2006
Data adottata	6.11.2006	
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 15 -: 0 0: 1	
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Margrietus van den Berg, Danutė Budreikaitė, Marie-Arlette Carlotti, H�el�ene Goudin, Maria Martens, Luisa Morgantini, Horst Posdorf, Feleknas Uca, Elena Valenciano Mart�inez-Orozco, Anna Z�aborsk�a	
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	John Bowis, Fiona Hall, Alain Hutchinson, Jan Jerzy Ku�akowski, Manolis Mavrommatis, Csaba �ory	
Sostituti skond l-Artikolu 178(2) preżenti għall-votazzjoni finali		
Kummenti (informazzjoni disponibbli b'lingwa waħda biss)		